MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 48/2010

**Jonathan Gambin**
**vs**
**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Jonathan Gambin nhar it-18 ta' Frar 2010 fejn ippremetta s-segwenti:

"Illi din il-procedura qed issir ai termini ta' l-**Artikolu 466** et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimat Kontrollur tad-Dwana kien intavola Ittra Ufficcjali ai termini ta' l-**Artikolu 466** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fit-18 ta' Awwissu 2005, bin-numru 6889/05 fejn iddikjara ruhu kreditur tar-rikorrenti fis-somma ta' Lm2,926 (illum Euro 6,815.75), kopja legali ta' liema flimkien mad-dokumenti kollha fl-Atti ta' l-istess Ittra, jinsabu annessi esebiti u mmarkati bhala Dok A.

Illi t-tentattivi ta’ notifika ta’ l-istess Ittra Ufficcjali ma rnexxewx, tant illi l-intimat talab permezz ta’ rikors datat 9 ta’ Gunju 2006, illi in-notifika issir wara l-hinijiet legali izda xorta wahda l-intimat ma irnexxilux jinnotifika lill-esponenti bl-istess.

Illi l-intimat f’dik is-sena kien qieghed jipprova johrog notifika fuq l-indirizz 144/11, Tower Road, Sliema.

Illi permezz ta’ rikors datat 22 ta’ Awwissu 2008, l-intimat talab sabiex jipprevalixxi ruhu mid-dispost ta’ l-**Artikolu 187(3)** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn testwalment talab ‘li dina l-Qorti joghgobha tordna a tenur tal-**Artikolu 187(3)** tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili illi n-notifika ta’ l-istess Att lill-intimat issir billi titwahhal kopja ta’ dak l-Att fil-post fejn is-soltu jitwahlu l-attijiet ufficcjali fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ tas-Sliema, gewwa l-Ufficcju tal-Kunsill Lokali ta’ Tas-Sliema u mal-post 144/11, Tower Road, Sliema.

Illi llum l-intimat qieghed jivvanta titolu  esekuttiv abbazi ta’ l-**Artikolu 466** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u intavola Mandat ta’ Sekwestru fit-28 ta’ Dicembru 2009, bin-numru 3820/09 li gie akkordat fit-8 ta’ Frar 2010 u li l-esponenti pero’ sar jaf bih biss fil-11 ta’ Frar 2010, kopja ta’ liema jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok B.

Illi mhux talli l-esponenti ma kienx edott bin-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali, tali n-notifika stess hija invalida a tenur ta’ l-istess Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fl-ewwel lok il-procedura specjali intiza fl-Artikolu 187(3) ghandha tintuza fil-kazijiet segwenti: a) meta l-marixxal ma jistax jaccedi ghar-residenza tar-recipjenti, jew b) meta r-residenza tar-recipjenti ma tistax tingieb/ tigi ottenuta.
Illi jigi rilevat bir-rispett illi l-esponenti ilu li biegh il-fond 144/11, Tower Road, Sliema lil terzi u ghalhekk ilu ma jghix f’dan l-indirizz ghal ben ghaxar (10) snin issa.

Ili f’ben sitt snin tentattivi ta’ notifika, l-indirizz ta’ l-esponenti seta’ oltre milli facilment jigi verifikat ma’ l-indirizz fuq il-Karta ta’ l-Identita’ tieghu, haga li jidher li

effettivament ma saritx, u ghaldaqstant tali nuqqas ma jistax jiggustifika talba ghan-notifika ai termini ta’ l-Artikolu 187(3).

Illi din l-informazzjoni kienet facilment accessibbli ghall-intimat partikolarment tenut kont tal-fatt illi si tratta ta’ Kap ta’ Dipartiment tal-Gvern.

Illi huwa stramb imbaghad illi wara li kien hemm diffikultajiet bin-notifika regolari fuq l-indirizz ta’ tas-Sliema u wara li l-intimat talab u ottjena permess ghall-affissjoni, wara hames snin tentattivi fuq l-indirizz ta’ tas-Siema, meta l-intimat gie biex jezegwixxi t-titolu vantat minnu u attakkat permezz ta’ din il-procedura, kien pront jindika ghall-fini tan-notifika tal-Mandat l-indirizz proprju ta’ l-esponenti fl-Iklin.

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess id-dispost ta’ l-Artikolu 187(3) huwa tassattiv in kwantu li sabiex in-notifika tkun valida ai termini ta’ l-istess, mhux biss trid issir l-affissjoni ta’ l-Att gudizzjarju fl-Ghassa, il-Kunsill Lokali u l-ahhar indirizz maghruf, izda trid issir ukoll pubblikazzjoni sia fil-Gazzetta tal-Gvern. Kif ukoll f’Gazzetta Lokali – dan jidher bic-car billi l-legislatur uza il-kelma ‘u’ minflok ‘jew’, b’dan li t-tliet proceduri huma ghalhekk mandatorji sabiex in-notifika tkun valida u dan kif konfermat ukoll f’diversi sentenzi tal-Qrati taghna.

Illi mill-atti ta’ l-Ittra Ufficcjali *de quo* ma jirrizultax illi l-pubblikazzjonijiet sia fil-Gazzetta tal-Gvern, kif ukoll dik lokali, saru – tant hu hekk li t-talba ta’ l-intimat fir-rikors tieghu tat-22 ta’ Awwissu 2008 hija limitata ghall-affissjoni u mhux ghall-pubblikazzjoni ukoll.

Illi ghaldaqstant in-notifika tal-Ittra Ufficcjali de quo hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu

a) ottenuta minghajr ma kien hemm ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 187(3) u

b) f’kull kaz mankanti element essenzjali sine qua non tal-procedura tan-notifika fiha innifisha, u ghaldaqstant l-intimat ma jistax jippretendi li ghandu titolu ezekuttiv meta l-procedura ma gietx segwita skond il-ligi.

Illi f'kull kaz fil-mertu, il-pretensjoni ta' l-intimat hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt b'dan illi l-esponenti ma hux debitur ta' l-intimat."

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi t-titolu ezekuttiv de quo vantat mill-intimat skond kif deskritt bhala kawzali ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru 3820/09 huwa null u bla effett fil-Ligi, b'dan illi konsegwentement l-istess Mandat ta' Sekwestru jigi dikjarat null u bla effett fil-Ligi.

2. Tiddikjara li t-talba ghal sitt elef, tmien mija u hmistax-il Ewro u hamsa u sebghin Ewro centesmu (€ 6815.75) piu' spejjez kif indikat fil-Mandat ta' Sekwestru 3820/09 u t-taxxa ufficjali annessi, da parti ta' l-intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq."

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta nhar it-22 ta' Frar 2010 fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-kontro-parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh.

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana pprezentata nhar it-12 ta' Mejju 2010 fejn ippremetta is-segwenti:-

1. "Illi preliminarjament jinghad li l-mertu ta' din il-procedura hu ezawrit u din il-kawza ghandha tkun dikjarata hekk minn din l-Onorabbli Qorti u hekk din l-istess Qorti ghandha tieqaf tisma' l-kaz. L-esponenti ottjena titolu ezekuttiv permezz tal-ittra ufficcjali ezekuttiva datata 18 ta' Awwissu 2005 Numru 6889/05 ghall-ammont tal-ekwivalenti ta' Ewro 6,815.74. Sussegwentement l-esponent hareg Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv numru 3820/09 fit-28 ta' Dicembru 2009. Ir-rikorrenti innifsu imbaghad hareg Kontro-Mandat Numru 699/2010 fuq dan l-istess mandat, u akkumpanjah b'cedola ta' depositu numru 390/2010 li tkopri is-sorte u l-ispejjez kwazi kollha rizultanti minn din l-Ittra Ufficcjali u Mandat. La l-Kontro-

Mandat u lanqas ic-cedola ta’ depozitu m’ghandhom xi kundizzjoni marbutin maghhom u permezz taghhom ir-rikorrenti hallas l-ammont kollu mitlub minnu flimkien mal-ispejjez tal-procedura kollha. Ghalhekk issa ma jistax jipprova jattakka l-Ittra Ufficcjali ezekuttiva la fuq notifika hazina u lanqas ghaliex l-ammont mhux dovut, ladarba hu ammetta t-talba li qed issir fil-konfront tieghu mill-esponent fl-istess Ittra Ufficcjali u hallas l-ammont pretiz.

**2.** Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f’dan l-istadju r-rikorrent ma jistax jibda’ din il-procedura u jattakka l-Ittra Ufficcjali ezekuttiva peress li ghadda z-zmien moghti mill-ligi ghal dan il-ghan. F’cirkostanzi ohra, f’dan l-istadju r-rikorrenti seta’ biss jattakka l-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru ezekuttiv numru 3820/09. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara din l-azzjoni bhala li ma tistax issir u tieqaf tismaghha.

**3.** Illi fil-mertu l-ammont mitlub fl-Ittra Ufficcjali imsemmija hu dovut mir-rikorrenti fl-intier tieghu u ghalhekk l-ammont depositat permezz ta’ cedola ta’ depositu numru 390/2010 hu dovut lill-esponent fl-intier tieghu u ghandu jkun zbankat minnu.

**4.** Illi jinghad ukoll li r-rikorrenti irid igib provi biex jissustanzja dak li qed jissottometti dwar notifika li mhiex shiha jew skoretta.

Ghaldaqstant l-esponenti talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-mertu ta’ din il-kawza hu ezawrit u fin-nuqqas tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrih.”

Nhar is-16 ta’ Novembru 2010 xehed ir-rikorrenti **Jonathan Gambin.** Spjega illi darba minnhom kien ircieva telefonata minghand il-Credit Control fejn kien gie infurmat li kien hareg mandat fil-konfront tieghu, u ghalhekk kien cempel lil banek sabiex jara fuq xhiex kien dan il-mandat u gie infurmat minnhom li kien mahrug mill-Kontrollur tad-Dwana. In oltre sostna li gie infurmat li kienu qabdulu s-somma ta’ sitt elef, tmien mija u hmistax-il Ewro u hamsa u sebghin Ewro centesmu (€ 6815.75). Huwa ghalhekk kien iddeposita din is-somma il-Qorti permezz ta’ cedola u fl-istess hin ipprezenta ir-rikors odjern il-Qorti sabiex jikkontesta t-titolu li allegatament

ghandu l-istess Kontrollur tad-Dwana. In segwitu ipprezenta ukoll Kontro-Mandat a bazi tac-cedola ta' depositu li kellu.

Ikkonferma li huwa qatt ma kien gie notifikat bl-att in kwistjoni relatat ma' din it-talba tal-Kontrollur tad-Dwana. Spjega li fis-sena 2000 huwa kien jghix fil-fond 144/11, Tower Road, Sliema izda sussegwentement mar jghix Triq il-Prinjoli, l-Iklin. Qal li l-Att tal-Kontrollur tad-Dwana kien gie mibghut fl-indirizz li kellu tas-Sliema u tenna li l-karta ta' identita' tieghu kien bidilha xi sitt snin qabel ma gew mibghuta lilu l-karti tal-Kontrollur tad-Dwana. Cahad li ghandu jaghti xi flus lill-intimat u spjega li l-pretensjoni tal-intimat tirrigwarda hlas ta' dazju ta' vettura li qatt ma kienet registrata f'ismu. Qal li l-vettura in kwistjoni kienet registrata f'isem Lino Commandatore. Tenna li dan Commandatore kellu jtih xi telttin elf Lira Maltin (Lm 30,000) xi tmintax-il sena ilu u meta kien hawn Malta fuq holiday huwa kien ghamel Mandat ta' Sekwestru fuq il-vettura li kellu dan Commandatore. Il-vettura giet maqbuda u t-Taljan telaq mill-pajjiz minghajrha. Gara' pero' li kien tah ic-cwievet taghha qabel ma telaq u huwa kien halla din il-vettura barra fit-triq u din insterqet. Qal li f'ismu qatt ma kienet registrata.

Illi nhar it-12 ta' Lulju 2011 xehed **Brian Farrugia** ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn spjega li rcieva tahrika sabiex jixhed il-Qorti in konnessjoni ma' din il-kawza. Huwa sussegwentement cempel lil Dr James D'Agostino dwarha fejn talbu biex jghdilu n-numru tal-vettura in kwistjoni u dana sabiex ikun jista' jaghmel ir-ricereka peress illi l-informazzjoni moghtija fit-tahrika ma rrizulta xejn dwara peress li s-sistema kompjuterizzata taghhom saret fin-1995 / 1996 u ghalhekk ma setghetx issir ricerka mis-snin 1990 san-1995.

Illi nhar it-22 ta' Settembru 2011 xehed **David Sciberras** ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana u spjega illi l-vettura in kwistjoni tal-ghamla Fiat Croma, Numru tar-Registrazzjoni SR 356912 dahlet hawn Malta nhar l-20 ta' Novembru 1991 u dan minn Angelo Commandatore. Dan inghata permess biex jibqa' bil-karozza hawn Malta ghal

perjodu ta’ xahar. Wara dan ix-xahar jekk il-vettura ma tigix esportata jiskatta id-dazju u dak irid jigi mhallas. Huwa esebixxa kopja tat-*temporary importation licence* li giet immarkata bhala dokument ‘Z’. Ic-chassis number tal-vettura hu ZFA 15400000345117. Huwa esebixxa kopja tal-okkorenza mehud mill-Pulizija mmarkata bhala dokument ‘X’ datat 14 ta’ Gunju 1996. Dan ir-rapport sar minn Jonathan Gambin residenti 144, Triq it-Torri, Sliema, I.D. Card No: 571662M. Qal li Jonathan Gambin kien irraporta mal-Pulizija li nhar l-14 ta’ Gunju 1996 huwa kellu l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni SR 356912 u bix-chassis numru ZFA 15400000345117 c-Cirkewwa u din giet misruqa ghaliex meta mar lura ghal habta ta’ nofsinhar ma sabiex hemmhekk. Mistoqsi jekk jirizultalux fil-file tieghu jekk din il-vettura daritx ghal fuq Jonathan Gambin, qal li mhux f’pozizjoni li jwiegeb.

**Stephen Cachia** ghan-nom u in rapprezentanza tat-Transport Malta xehed nhar l-1 ta’ Dicembru 2011 u kkonferma li huwa ghamel ricerka dwar ic-chassis number tal-vettura Fiat Croma chassis number: ZFA 15400000345117 u kkonferma li minn ricerka li ghamel ma rrizultax li ghandhom xi record fuq din il-vettura u qal li irrizultalu li qatt ma kienet registrata f’isem Jonathan Gambin ID Card: 571662(M). Spjega li c-chassis number jghajjat vettura registrata l-Italja tal-vettura SR 356912 u l-Awtorita’ ma ghandiex records ta’ vetturi bi pjanci kannella.
Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-3 ta’ Jannar 2012 u dik ipprezentata mill-intimat nhar it-2 ta’ Jannar 2012.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors huma is-segwenti:

a. Illi l-intimat Kontrollur tad-Dwana allegatament jinsab kreditur tar-rikorrenti fis-somma ta’ sitt elef, tmien mija u hmistax-il Ewro u hamsa u sebghin Ewro centesmu (€ 6815.75) skond ittra ufficcjali prezentata minnu nhar it-18 ta’ Awwissu 2005, liema ittra giet reza esekuttiva ai

termini ta' l-**Artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12** ghaliex r-rikorrenti ma ipprezentax ir-risposta tieghu fi zmien ghoxrin jum sabiex jikkontesta l-kontenut taghha kif tirrikjedi il-Ligi.

b. Illi pero' jirrizulta li l-ittra ufficcjali li pprezenta l-intimat ma gietx notifikata lir-rikorrenti personalment izda wara diversi tentattivi sabiex jigi notifikat bil-procedura regolari l-intimat talab li jinnotifika lir-rikorrenti permezz tal-affissjoni ai termini ta' l-**Artikolu 187(3) tal-Kap 12** u hekk sar ghaliex kif jirrizulta minn ezami tad-dokumentazzjoni esebita fl-atti a fol. 8 jidher li l-marixxal Raymond Pace halla kopja tal-ittra ufficcjali u kopja tad-dikjarazzjoni guramentata tal-intimat imwahla fl-ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, fil-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema u kopja ohra fir-residenza indikata fl-ittra ufficcjali u cioe' 144/11, Tower Road, Sliema.

c. Illi in segwitu l-intimat ipprezenta Mandat ta' Sekwetru kontra ir-rikorrenti nhar it-28 ta' Dicembru 2009 bin-numru 3820/09 li gie akkordat fit-8 ta' Frar 2010 u ir-rikorrenti sar jaf bih biss fil-11 ta' Frar 2010 skond il-kopja esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok B.

d. Illi ghalhekk ir-rikorrenti agixxa skond dak li jiddisponi l-**Artikolu 467(1) tal-kap 12** li jiddisponi is-segwenti:

" *Kull titolu esekuttiv maħruġ skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu tal-aħħar ta' qabel dan fin-nuqqas ta' xi oppożizzjoni mid-debitur għandu jiġi revokat jekk, meta ssir talba permezz ta' rikors li jiġi preżentat fi żmien għoxrin jum mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat esekuttiv li jkun imsejjes fuq dak it-titolu jew ta' kull att ġudizzjarju ieħor li fih issir referenza għal dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu tal-aħħar ta' qabel dan matul il-perijodu li fih id-debitur seta' jopponi u li t-talba li tinsab f'dik id-dikjarazzjoni tkun infondata fil-mertu*."

Illi r-rikorrenti qed jirrileva li l-procedura li intuzat mill-intimat u cioe' dik tal-affissjoni fir-rigward tal-ittra ufficcjali fuq imsemmija datata 18 ta' Awwissu 2008, ma saritx

skond il-ligi u ghalhekk it-titolu li ghandu l-intimat illum mhux wiehed validu.

Ir-rikorrenti jghid li kien ilu li biegh l-fond tieghu Tower Road sa minn ghaxar snin qabel kif sahansitra setgha jirrizulta facilment minn kopja tal-Karta ta' Identita' tieghu u li mar jghix band'ohra l-Iklin. Jghid li l-intimat kien jaf dwar dan ghaliex baghat l-Mandat fl-indirizz tieghu l-Iklin.

Ir-rikorrenti qed jinsisti li n-notifika ma kinitx valida wkoll ghaliex fil-fehma tieghu l-intimat skond l-**Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 9** li jirrelata ghall-procedura tal-affissjoni kellu jippubblika l-kontenut tal-ittra ufficcjali fil-gazetta tal-gvern u f'gazzetta ohra lokali, haga li ma jirrizultax li ghamel.

L-ewwel Qorti semghet il-provi tas-socjeta`attrici u ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici.

F'dan l-istadju, il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li ntqal minn din il-Qorti fil-kawza '**Three Barrels Ltd. Vs Schembri et,',** deciza fit-13 ta' Lulju, 2001 dwar il-htiega li l-procedura kontemplata fl-**Artikolu 187(3)** tigi segwita rigorozament:

*"Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jigi assigurat in-notifika ta' att bil-procedura hekk imsejha "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*

*"(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali;*

*"(b) illi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta;*

*"(c) illi l-iskrittura jew att jinhargu f'gurnal ta' kuljum, wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi.*

*Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv "u" ghandu jinghata l-piz shih tieghu. Ma' dawn it-tlett rekwiziti*

*ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf ", illi titwahhal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta' l-**Artikolu 187**, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi."*

**L-Artikolu 187(3)** jesigi ghalhekk li l-kopja ta' l-att tigi imwahla fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali; F'dan ir-rigward jidher li hemm kontestazzjoni ghaliex ir-rikorrenti ma kienx jhix tas-Sliema fis-sena 2008 izda l-Iklin u ghalhekk tali notifika mhix valida. Pero' apparti dan, fit-tieni lok, il-ligi tesigi li l-iskrittura jew att tinhareg fil-qosor fil-Gazzetta u dan ma jidhirx li sar u in oltre il-ligi tesigi ukoll *ad validitatem* li l-att jinhareg f'gurnal ta' kuljum jew wiehed jew aktar minn wiehed skond kif tiddecidi il-Qorti. F'dan il-kaz lanqas dan ir-rekwizit ma sehh u ghalhekk l-ispirtu tal-**Artikolu 187(3)** zgur li ma giex onorat u segwit.

Il-ligi timponi kriterji oggettivi u darba jirrizulta li dak li trid il-ligi twettaq, l-konvenut f'kawza ghandu jitqies notifikat ghal kull fini u effetti tal-ligi. Ma jkunx logiku li l-konvenut jithalla jehles min-notifika billi jghid li hu ma rahx l-att mal-bieb tar-residenza tieghu jew per ezempju li ma qarax l-att; kieku dan jigi accettat, jigi stultifikat l-iskop tal-ligi. Il-ligi trid taghti l-pubblicita` l-aktar ampja possibbli ghall-avviz ta' kawza, pero`, fl-ahhar mill-ahhar, trid timponi test oggettiv ghax altrimenti dak li jkun, ikun jista' dejjem isib mezz kif jahrab min-notifiki.

Id-diversi mezzi ta' pubblicita` li tipprovdi l-ligi gew maghmula biex jindikaw, *iuris et de iure*, notifika personali u darba dak li trid il-ligi gie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax tahrab mill-effetti tal-istess.

Il-ligi tipprovdi ghall-pubblicita` l-aktar wiesgha possibbli, izda ma tesigix li dak li jkun induna bl-att ippubblicizzat. Jekk se nesigu qari tal-att, kif donnu qed isostni l-intimat allura n-notifika tkun trid issir dejjem bil-purtier u personali,

u ma jkun hemm qatt skop ta' notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni. Dan jikkonferma l-oggettivita` tal-procedura.

Wiehed irid ifakkar ukoll li l-gurament tal-konvenut, f'dan il-kaz, mhux kontrollabbli u hu differenti minn gurament dwar meritu, li huwa kontrollabbli mill-parti l-ohra li jista' jressaq provi kuntrarji. F'dan il-kaz, jekk il-konvenut jghid li ma sabx l-att mal-bieb, m'hemmx x'taghmel, la mill-parti l-ohra u lanqas mill-Qorti, ghax ma tistax tikkontradixxi dik l-istqarrija. Huwa minhabba l-impossibbilita` ta' kontradizzjoni li l-ligi timponi test oggettiv: jekk gew esegwiti l-proceduri li trid il-ligi, allura n-notifika saret.

Illi in linea preliminari l-intimat qed isostni li din il-Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni tat-talba rikorrenti ghaliex r-rikorrenti kien iddepozita is-somma kolha mitluba minnu l-Qorti permezz ta'cedola flimkien ma' l-ispejjez kollha tal-kawza u ghalhekk fil-fehma teighu dan jammonta ghall-ammissjoni u ghalhekk stante li r-rikorrenti ma ghamel l-ebda riserva fic-cedola tieghu, illum il-gurnata r-rikorrenti gie li ammetta it-talba tal-intimat. Jinghad li meta bniedem jiddeposita il-flus il-Qorti ifisser li hemm kontestazzjoni u kieku ma kienx hemm x'zamm lill-intimat milli jiritira dawn l-istess flejjez hekk depositati? Din l-ewwel ecezzjoni qed tigi michuda.

Fit-tieni lok jghid ukoll li r-rikorrenti ma setax jibda din l-azzjoni u jattakka l-ittra ufficcjali esekuttiva ghaliex ghadda z-zmien moghti fil-Ligi u ghalhekk r-rikorenti seta' biss jattakka l-Mandat ta' Sekwestru numru 3820/09. Illi din it-tezi pero' hija zbaljata u dan ghaliex l-azzjoni li ha ir-rikorrenti tinsab konfortata b'dak li jiddisponi l-**Artikolu 467(1)** *sic et simplicite* u ghalhekk f'dan ir-rigward, il-Qorti ser tieqaf hawn u tichad din it-tieni eccezzjoni.

Fit-tielet lok l-intimat isostni li l-ammont depozitat permezz tac-cedola huwa dovut fl-intier tieghu u ghalhekk ghandu jigi zbankat minnu. Jinghad li r-rikorrenti qed jikkontesta dan l-istess ammont pero' din il-Qorti m'hix ser tidhol fuq il-mertu ta' jekk hux dovut jew le stante l-eccezzjoni ta' natura preliminary, u f'kaz li jirrizulta kif qed isostni r-

rikorrenti. li n-notifika tal-ittra ufficcjali esekuttiva ma saritx skond il-ligi. allura din il-Qorti ikollha per forza tiddikjara li l-ittra ufficcjali m'ghandhiex titolu esekuttiv u tkun Qorti ohra li tidhol fuq il-mertu tal-kaz.

Dwar ir-raba' eccezzjoni l-intimat qed jistieden lir-rikorrenti jgib provi dwar dak li qed isostni.

Illi din il-Qorti tiddikjara li l-procedura ta' affissjoni li intuzat mill-intimat f'dan il-kaz rigward in-notifika tal-ittra ufficcjali ma saritx skond il-ligi u li ghalhekk in vista ta' l-istess, hija sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni li akkompanjat l-ittra ufficcjali fuq imsemmija maghmula ai termini ta' l-**Artikolu 466 (1) tal-Kapitolu 12** u tiddikjara li ghalhekk ir-rikorrenti ma kienx f'posizjoni li jopponi it-talba li tinsab dik id-dikjarazzzjoni.

Dwar il-mertu tal-kaz il-Qorti ma thossx li ghandha tindaga ulterjorment ghalkemm il-partijiet ittrattaw dan fin-noti rispettivi taghhom u dan ghaliex din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba rikorrenti fuq bazi ta' nuqqas ta' ottemporanza tal-procedura liema nuqqas rrenda null u bla effetti t-titolu esekuttiv li kellu l-intimat.
**Ghalhekk, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u tilqa' t-talba rikorrenti b'dan illi qieghda tiddikjara illi t-titolu esekuttiv vantat mill-intimat skond kif deskritt bhala kawzali ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 3820/09 huwa null u bla effett fil-ligi, b'dan illi konsegwentement l-istess Mandat ta' Sekwestru jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi. In oltre, tiddikjara li t-talba ghal sitt elef, tmien mija u hmistax-il Ewro u hamsa u sebghin Ewro centesmu (€ 6815.75) piu' spejjez, kif indikat fil-Mandat ta' Sekwestru 3820/09 u t-taxxa ufficcjali annessa da parti ta' l-intimat, hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt.**

**L-ispejjez ta' dan ir-rikors ghandhom jithallsu mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------